

32006D0314

L 116/61

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.4.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Marzu 2006

li tapprova l-istħarriġ ta' l-Istati Membri għall-influenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u t-tjur selvaġġi matul l-2006

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 780)

(2006/314/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

(4) Il-Kummissjoni sabet li l-programmi ta' stħarriġ imressqa mill-Istati Membri huma konformi mad-Deċiżjoni 2006/101/KE. Dawk il-programmi ta' stħarriġ għandhom għalhekk jiġu approvati.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

(5) Fid-dawl ta' l-importanza ta' dawk il-programmi ta' stħarriġ għall-ilħuq ta' l-għanijiet tal-Kummissjoni fil-kamp tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika, huwa xieraq li tiġi ffissata l-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għal 50 % tan-nefqiet li għandhom jagħmlu l-Istati Membri inkwistjoni għall-miżuri li jissemmew f'din id-Deċiżjoni sa limitu massimu għal kull programm ta' stħarriġ.

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għat-teħid ta' miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja u għall-edukazzjoni veterinarja jew it-taħriġ veterinarju.

(6) Infiq relatat mal-programmi ta' stħarriġ approvati minn din id-Deċiżjoni li ġġarrab mill-1 ta' Frar 2006 għandu jiġu kkunsidrat bħala eliġibbli għall-kofinanzjament mill-Komunità.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/101/KE dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ li għandhom isiru fl-Istati Membri għall-influenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u t-tjur selvaġġi fl-2006 ⁽²⁾ tipprevedi l-implimentazzjoni fil-perjodu minn Frar sa Diċembru 2006 ta' dawn l-istħarriġiet, soġġetti għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni ta' dawk il-programmi ta' stħarriġ. Dawk l-istħarriġiet għandhom jinvestigaw il-preżenza ta' infezzjonijiet fit-tjur ta' l-irziezet, proċess li jista' jwassal għal reviżjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja attwali u jikkontribwixxi għall-għarfien ta' xi riskji possibbli għall-annimali u għall-bnedmin mill-annimali selvaġġi.

(7) Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġu stipulati regoli għar-rappurtar tar-riżultati ta' l-istħarriġiet u għall-eliġibbiltà ta' l-ispejjeż li jinsabu fit-talba finanzjarja għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità fl-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ.

(3) Il-programmi ta' stħarriġ li tressqu mill-Istati Membri ġew eżaminati mill-Kummissjoni skond dik id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva Nru 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31).

⁽²⁾ ĠU L 46, 16.2.2006, p. 40.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-programmi ta' l-Istati Membri għall-influenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u t-tjur selvaġġi elenkati fl-Anness I huma approvati għall-perjodu stipulat f'dak l-Anness ("il-programmi").

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iwettqu sħarriġiet għall-influenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u t-tjur selvaġġi skond il-programmi.

Artikolu 3

Il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja lejn l-ispejjeż ta' l-analiżi tal-kampjuni għandha tingħata lil kull Stat Membru bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba u sa l-ammont massimu tal-kofinanzjament stipulat fl-Anness I.

Dik il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-Istat Membru jikkonforma ma' dan li ġej:

- a) li jgħib fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm;
- b) li jissottometti rapport finali lill-Kummissjoni u l-Laboratorju Referenzjarju Komunitarju għall-influenza tat-tjur kif imsemmi fl-Artikolu 51(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ⁽¹⁾ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007, dwar l-esegwiment tekniku tal-programm u r-riżultati miksuba, skond il-mudelli tar-rappurtar stipulati fl-Annessi II sa V ma' din id-Deċiżjoni.

c) li jressaq evidenza xierqa lill-Kummissjoni dwar l-ispejjeż imġarrba għall-analiżi tal-kampjuni matul il-perjodu li għalih ikun approvat il-programm;

d) li jimplementa l-programmi b'mod effiċjenti, partikolarment li l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jsir it-teħid ta' kampjuni b'mod xieraq.

Artikolu 4

Il-limiti massimi ta' l-infiq li għandhom jintraddu permezz ta' rimborż lill-Istati Membri għat-testijiet koperti mill-programmi ma jistgħux ikunu ogħla minn dan li ġej:

- | | |
|------------------------------------|-------------------------|
| a) Test ELISA: | EUR 1 għal kull test; |
| b) agar gel immune diffusion test: | EUR 1.2 għal kull test; |
| c) test HI għall-H5/H7: | EUR 12 għal kull test; |
| d) test ta' l-iżolament tal-virus: | EUR 30 għal kull test; |
| e) Test PCR: | EUR 15 għal kull test. |

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-16 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 10, 14.1.2006, p. 16.

ANNEX I

Programmi ta' l-Istati Membri dwar sħarriġiet ta' l-influenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u fit-tajr selvaġġ

Kodiċi	Stat Membru	Perjodu	Ammont massimu għall-kofinanzjament tal-kampjuni (EUR)
BE	Il-Belġju	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	38 400,00
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	33 400,00
DK	Id-Danimarka	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	168 500,00
DE	Il-Ġermanja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	268 000,00
EE	L-Estonja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	1 450,00
EL	Il-Greċja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	39 300,00
ES	Spanja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	88 100,00
FR	Franza	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	204 800,00
IE	L-Irlanda	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	42 500,00
IT	L-Italja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	427 300,00
CY	Ċipru	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	20 700,00
LV	Il-Latvja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	11 600,00
LT	Il-Litwanja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	15 400,00
LU	Il-Lussemburgu	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	4 400,00
HU	L-Ungerija	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	109 500,00
MT	Malta	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	3 700,00
NL	L-Olanda	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	54 500,00
AT	L-Awstrija	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	28 550,00
PL	Il-Polonja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	94 500,00
PT	Il-Portugall	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	71 600,00
SI	is-Slovenja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	23 500,00
SK	Is-Slovakkja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	11 600,00
FI	Il-Finlandja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	32 600,00
SE	L-Iżvezja	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	77 200,00
UK	Ir-Renju Unit	mill-1 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006	93 700,00
Total			1 964 800,00

RAPPORT FINALI DWAR IMPRIŻI TAT-TJUR TA' L-IRZIEZET LI TTIEĦDU L-KAMPJUNI MINNHOM ⁽⁴⁾

(ħlief papri u wiżż)

Investigazzjoni seroloġika skond il-punt B ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/101/KE dwar l-impriżi ta' brojlars (meta jkunu friskju biss)/ta' dundjani għat-tismin/tiegħ għar-riproduzzjoni/dundjani għar-riproduzzjoni/tiegħ li jbidu/tiegħ li jbidu li jichallew jiġġerrew fil-miftuħ/tar-ratiti/tat-tjur tal-kaċċa mrobbija (faġani, perniċi, summien u oħrajn)//"impriżi mhux kummerċjali" (kif huwa definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE/oħrajn [ingassa skond il-każ])

JEKK JOGĦĠBOK UŻA FORMOLA WAĦDA GĦAL KULL KATEGORIJA TA' TJUR TA' L-IRZIEZET!

Stat Membru: Data: Perjodu tar-rapport minn: sa:

Reġjun(⁽⁵⁾)	Numru totali ta' impriżi(⁽⁶⁾)	Numru totali ta' impriżi li minnhom ittieħdu l-kampjuni	Numru totali ta' impriżi pożittivi	Numru ta' impriżi pożittivi għas-subtip H 5	Numru ta' impriżi pożittivi għas-subtip H 7
Total					

⁽⁴⁾ Impriżi tfisser merħliet, qatgħat jew stabbilimenti, skond il-każ.⁽⁵⁾ Reġjun kif approvat fil-programm approvat mill-Istat Membru.⁽⁶⁾ Numru totali ta' impriżi ta' kategorija waħda ta' tjur ta' l-irziezet freġjun wieħed

RAPPORT FINALI DWAR ID-DATA RIGWARD L-IMPRIŻI TAL-PAPRI U L-WIŻŻ ^(a)
skond il-punt C ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/101/KE – investigazzjoni seroloġika ^(b)

Member State: Data: Perjodu tar-rapport minn: sa:

Reġjun(^(b))	Numru totali ta' impriżi ta' papri u wiżż	Numru totali ta' impriżi ta' papri u wiżż li minnhom ittieħdu l-kampjuni	Numru totali ta' impriżi seroloġika-ment pożittivi	Numru ta' impriżi seroloġika-ment pożittivi għas-subtip H 5	Numru ta' impriżi seroloġika-ment pożittivi għas-subtip H 7	Numru totali ta' impriżi viroloġikament pożittivi	Numru ta' impriżi viroloġikament pożittivi għas-subtip H5	Numru ta' impriżi viroloġikament pożittivi għas-subtip H 7
Total								

^(a) Impriżi tfisser merħliet, qatgħat jew stabbilimenti skond il-każ.
^(b) Reġjun kif approvat fil-programm approvat mill-Istat Membru.

RAPPORT FINALI DWAR ID-DATA RIGWARD IT-TAJR SELVAĠĠ
investigazzjoni skond il-punt D ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/101/KE

Stat Membru: Data: Perjodu tar-rapport minn: sa:

Reġjun(^(*))	Speċijiet ta' tajr selvaġġ li minnhom ittieħdu l-kampjuni	Numru totali ta' kampjuni li ttieħdu għall-eżaminazzjoni	Numru totali ta' kampjuni pożittivi	Numru ta' kampjuni pożittivi għas-subtip H 5	Numru ta' kampjuni pożittivi għas-subtip H 7
Total					

(*) Reġjun kif definit fil-programm approvat ta' l-Istat Membru jew indikazzjoni tal-lokalità ta' l-istazzjon(ijiet) għall-osservazzjoni tat-tjur.

RAPPORTE FINANZJARJU FINALI U APPLIKAZZJONI GĦALL-PAGAMENTI

Tabella waħda għal kull stħarriġ dwar tjur ta' l-irziezet/tjur selvaġġi ^(a)

Stat Membru: Data: Perjodu ta' rappurtar minn: sa:

Miżuri eliġibbli għall-kofinanzjament ^(b)

Metodi ta' analiżi fil-laboratorju	Numru ta' testijiet li għandhom isiru għal kull metodu	Spejez
Eżami preliminari seroloġiku ^(c)		
Test <i>Haemagglutination-inhibition</i> -(HI) għal H5/H7		
Test ta' l-iżolament tal-virus		
It-test PCR		
Miżuri oħrajn li għandhom jiġu koperti	Speċifika l-attivitajiet	
Teħid ta' kampjuni		
Oħrajn		
Total		

Jien b'dan niċċertifika li d-data li tidher hawn fuq hija korretta u li l-ebda kontribuzzjoni Komunitarja oħra ma ġiet rikjesta għal dawn il-miżuri.

^(a) Ingassa minn naħa għall-oħra skond il-każ.

^(b) Data li għandha tingħata fil-munita nazzjonali, VAT eskluża. (Post, Data)

^(c) Jj. indika t-test użat. (Firma)